REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1369

tad-29 ta' Settembru 2020

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jistabbilixxi nomenklatura għall-oġġetti (minn issa 'l quddiem imsejħa "in-Nomenklatura Magħquda" jew "in-NM"), biex fl-istess waqt jissodisfa r-rekwiżiti tat-Tariffa Doganali Komuni, l-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni, u politiki oħrajn tal-Unjoni li jikkonċernaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-oġġetti.

(2) Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem imsejħa t-"TARIC"), li tissodisfa r-rekwiżiti tat-Tariffa Doganali Komuni, l-istatistika tal-kummerċ estern, il-politika kummerċjali, agrikola u politiki oħrajn tal-Unjoni dwar l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-oġġetti.

(3) Sabiex l-Unjoni timmonitorja l-istatistika relatata biss mal-importazzjoni ta' oġġetti speċifiċi, il-ħolqien ta' subintestaturi statistiċi fit-TARIC huwa l-aktar għodda xierqa; tali kodiċijiet statistiċi TARIC huma stabbiliti fl-Anness 10 "TARIC statistikas kodi" tat-Tielet Parti (Annessi għat-Tariffa) tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.

(4) Is-sitwazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 għadha għaddejja fl-Unjoni u għalhekk, id-domanda għal ċerti oġġetti mediċi fl-Istati Membri, b'mod partikolari l-maskri protettivi tal-wiċċ, hija għolja u l-importazzjonijiet ta' tali oġġetti ġġib magħha sfidi addizzjonali għall-awtoritajiet doganali.

(5) Iż-żieda fl-użu u d-domanda għall-maskri protettivi tal-wiċċ fl-Unjoni hija sinifikanti fis-sitwazzjoni attwali minħabba li l-Istati Membri qed jiġġieldu kontra t-tixrid tal-COVID-19 u l-importanza tagħhom x'aktarx li tibqa' għolja fil-futur.

(6) Sabiex jiġu ffaċilitati u armonizzati l-kontrolli doganali fl-Istati Membri fil-livell tal-Unjoni, huwa xieraq li jinħolqu subintestaturi addizzjonali fit-TARIC li jikkorrispondu għal livell ogħla ta' dettall għal maskri protettivi tal-wiċċ differenti, f'konformità mal-kapaċitajiet ta' filtrazzjoni tagħhom. Dawn is-subintestaturi addizzjonali jippermettu li issir distinzjoni aktar malajr bejn il-prodotti kkonċernati u oħrajn taħt l-istess subintestatura, u b'hekk jittaffa l-impatt ta' dewmien possibbli fil-katina tal-provvista matul il-pandemija.

(7) Barra minn hekk, tali subintestaturi addizzjonali tat-TARIC jenħtieġ li jinħolqu sabiex jiġi żgurat monitoraġġ aħjar tal-flussi kummerċjali ta' dawn il-maskri protettivi tal-wiċċ.

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

(8) Tali subintestaturi addizzjonali tat-TARIC jiffaċilitaw ukoll l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/491 ([2]). Peress li l-maskri protettivi tal-wiċċ huma fost il-prodotti l-aktar importati, l-identifikazzjoni speċifika tagħhom fit-TARIC tippermetti proċess ta' dikjarazzjoni aktar mgħaġġel billi ssir distinzjoni tat-tali prodotti minn prodotti oħrajn li bħalissa huma kklassifikati taħt l-istess subintestatura.

(9) Għalhekk l-Anness 10 fit-Tielet Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(10) Għaldaqstant, sabiex l-awtoritajiet doganali, li qed jimplimentaw id-Deċiżjoni (UE) 2020/491, jibbenefikaw minn din il-miżura mill-aktar fis possibbli u biex tiġi ffaċilitata il-katina ta' provvista rapida tat-tali prodotti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2020.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/491 tat-3 ta' April 2020 dwar l-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni u l-eżenzjoni mill-VAT fuq l-importazzjonijiet tal-merkanzija meħtieġa biex jiġu miġġielda l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19 matul l-2020 (ĠU L 103I, 3.4.2020, p. 1).

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-Tieni Parti, it-Taqsima XI, il-Kapitolu 63, ir-ringiela tal-kodiċi NM 6307 90 98 hija sostitwita b'dan li ġej:

"6307 90 98	- - - - Oħrajn (*)	6,3	-

(*) Kodiċijiet statistiċi: tat-TARIC: Ara l-Anness 10. ".

(2) Fit-Tielet Parti, fl-Anness 10, jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin:

"6307 90 98	- - - - Oħrajn:	
	- - - - - Drappijiet mhux minsuġin:	
	- - - - - - Maskri protettivi tal-wiċċ:	
6307 90 98 11	- - - - - - - Respiratur kontra l-partikoli FFP2 u FFP3 skont l-EN149, u maskri oħrajn li jiffiltraw mill-inqas 94 % ta' 0,3 partikoli mikron	p/st
	- - - - - - - Oħrajn:	
6307 90 98 13	- - - - - - - - Respiratur kontra l-partikoli FFP1 skont l-EN149, u maskri oħrajn li jiffiltraw mill-inqas 80 % ta' 0,3 partikoli mikron	p/st
	- - - - - - - - Oħrajn:	
6307 90 98 15	- - - - - - - - - Maskri mediċi tal-wiċċ skont l-EN14683, u maskri oħrajn li jiffiltraw mill-inqas 95 % ta' 3,0 partikoli mikron	p/st
6307 90 98 17	- - - - - - - - - Oħrajn	p/st
6307 90 98 19	- - - - - - Oħrajn	-
	- - - - - Oħrajn:	
6307 90 98 91	- - - - - - Magħmulin bl-idejn	-
6307 90 98 99	- - - - - - Oħrajn	-"